# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 412 / 07RGM

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Peress li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tmienja u sebghin (1978) gie iccelebrat z-zwieg f'Malta bejn il-kontendenti u dan skont ic-certifikat taz-zwieg;

2. Peress li miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal, Marie Claire li ghandha 26 sena, Andrew li ghandu 22 sena, Nicholas li ghandu 18-il sena, u Rebecca li ghandha 14-il sena u li kollha ghadhom jghixu mal-partijiet;

3. Peress li t-tnejn il-kbar jahdmu u Nicholas ghalkemm ghandu 18-il sena ghadu jistudja l-Mcast ghax jixtieq isir veterinarju filwaqt li z-zghira Rebecca ghadha l-iskola;

4. U peress li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, swat, adulterju u ingurii gravi kommessi mill-intimat kontriha u minhabba li tkissret irrimedjabilment;

5. Peress li l-konvenut huwa hati ta' adulterju stante li anke kien tkecca mix-xoghol ghax kien ittanta t-tfajliet u jaghmel hin twil jiccettja fuq l-internet, kif ukoll li 1-attrici sabet lill-konvenut condoms fil-but liema condoms ma kienux ghall-uzu maghha stante li l-konvenut ilu ma jersaq lejha ghal diversi snin;

6. Peress li l-konvenut qed jirrifjuta li jmantni lil ibnu Nicholas li ghadu l-iskola ghax qed jghid li dan issa huwa maggorenni, u jrid li jmantni biss liz-zghira Rebecca u dan meta l-erbat itfal ghadhom id-dar;

7. Peress li l-attrici ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ma' wlied il-kontendenti stante li hija mhux responsabbli ghal firda u stante wkoll li l-istess dar kienet donazzjoni ta' missier l-attrici li ta' ragel tajjeb li kien u li haseb li 1-konvenut kien ser jirrispetta lil bintu l-attrici ddona l-istess proprjeta' f'isem t-tnejn b'simulazzjoni ta' bejgh liema flus il-partijiet qatt ma hallsu lill-istess missier attrici;

8. U peress li l-konvenut talab u ottejena ( recte: l-attrici tablet u ottjeniet) l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'din l-istanza b'digriet ta' din il-Qorti datat 12 ta' Ottubru 2007;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

2. Taffida l-kura u kustodja tal-minuri Nicholas B lill-attrici salv access favur il-konvenut skont l-ahjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghall-minuri imsemmija u ghal Nicholas stante li dan ghadu jistudja u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita' flimkien ma ziediet perjodici ghall-gholi tal-hajja u ordni sabiex din ir-retta tithallas direttament minn kull paga jew dhul percipibbli mill-konvenut;

4. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwsiti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tapplika kontra l-imsemmi attur l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 5l tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal regisrat fis-seduta tal-11 ta' Frar 2008, fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza l-ohra fl-isminjiet inverse Rikors Guramentat Numru 426/07;

Rat r-riferta tat-13 ta' Gunju 2008, li minnha jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat; pero' ghalkemm notifikat baqa' ma ippresentax risposta f'din l-kawza;

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' bintha Marie Claire B annessi ma nota pprezentata fl-24 ta' Gunju 2008;

Rat l-affidavit ta' C B anness ma' nota pprezentata fis-16 ta' Mejju 2008;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2008 fejn gie nominat bhala Assistent Gudizzjarju l-Avukat Dottor Emanuel Buttigieg;

Rat x-xhieda ta' Tonio Briguglio, Brian B, David Galea u Audrey Ghigo li xehdu fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2008, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rikors ta' A B tal-10 ta' Ottubru 2008 fejn talbet l-allontanament ta' C B mid-dar matrimonjali u r-risposta tieghu pprezentata fid-19 ta' Novembru 2008, Fol 275, (kawza nru 426/07) fejn ddikjara li volontarjament, pendente lite, biex jigu evitati konfrontazzjonijiet bejniethom, kien jaccetta, bla pregudizzju, li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali biex fiha tghix il-mara u t-tfal ad eskluzjoni tieghu, b'dan li hu jkun jista' jaccedi fid-dar purhe' jaghti preavviz ta' ghaxart ijiem bil-miktub. Dan gie kkonfermat bid-digrieti tal-Qorti tal-11 ta' Novembru 2008 Fol 274 u tat-3 ta' Dicembru 2008 Fol 276.

Rat ix-xhieda ta' Paul Debono u Mikelina Ciantar li xehdu fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Barbara O'Brien, li giet nominata b'digriet tal-5 ta' Marzu 2009;

Rat l-affidavit ta' hut l-C B, Monica Camilleri u Isabel Piscopo annessi man-nota ta' C B ipprezentata fit-18 ta' Frar 2009;

Rat id-digriet moghti fit-18 ta' Ottubru 2007 fejn il-Qorti pprovdiet dwar il-mantenimment 'pendente lite' li ghandu jithallas minn C B;

Rat id-digriet tas-7 ta' Lulju 2008, Fol 126, fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' A B li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment, billi jitrattaw l-istess mertu.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2009 fejn il-Qorti ordnat li l-provi migbura fil-kawza 426/07 fl-ismijiet inversi jitqiesu bhala provi akkwiziti f'dan il-process;

Rat ix-xhieda tal-PL Francesca Scerri ghal Bank of Valletta plc u ta' Audrey Ghigo ghal HSBC Bank Malta li xehdu fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2009, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet tas-6 ta' Mejju 2009 li kkonferma d-digriet precedenti tat-18 ta' Ottubru 2007 fejn 'pendente lite' C B gie ordnat ihallas lill-martu is-somma ta' Lm250 fix-xahar, in kwantu ghal Lm150 ghall-minuri u in kwantu ghal Lm100 manteniment ghaliha,ammont li jigi mnaqqas direttament mill-paga tieghu;

B'digriet tad-19 ta' Jannar 2012, Fol 1092, il-Qorti ordnat li C B ihallas manteniment ghat-tifla Rebecca is-somma ta' Euro 117 kull erba' gimghat oltre il-manteniment lil istess A B.

Rat ix-xhieda migbura mill-Assistent Gudizzjarju u cioe' ta' David Schranz li xehed fis-seduta tat-18 ta' Frar 2009; l-affidavit ulterjuri ta' A B, ta' Rosette Fenech Adami, ta' Godwin Galea u ta' David Galea, hut l-istess A B li gew ipprezentati fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010; ix-xhieda tal-PS 1257 Conrad Ellul u ta' Marlene Curmi li xehdu fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2010; ta' A B li xehdet fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2010; ta' Ramona Cuschieri li xehdet fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2011; ta' George Spiteri u ta' Paul Debono li xehdu fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 ilkoll mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet tad-19 ta' Jannar 2012 fejn l-attur gie ordnat li jhallas bhalla kontribut tieghu ghall-manteniment tat-tifla Rebecca s-somma ta' Euro 117 kull erba' gimghat oltre l-manteniment ta' A B, gie revokat l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju u giet nominata bhala Perit Legali Dr Norma Vella;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ta' C B ipprezentata fit-23 ta' Ottubru 2013, u dik ta' A B li gew ipprezentati mill-partijiet wara s-seduta tal-5 ta' Lulju 2013 mizmuma mill-Perit Legali;

Rat ix-xhieda ta' C B li xehed fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, tat-30 ta' Novembru 2012 , tat-30 ta' April 2013 u tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma mill-Perit Legali;

Rat ix-xhieda ta' A B li xehdet fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 u tal-5 ta' Lulju 2013 mizmuma mill-Perit Legali;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, Dottor Norma Vella Bardun mahlufa fit-13 ta' Jannar 2014, Fol 85 et seq fil- process tal-kawza fl-ismijiet inversi Numru 426/07;

Rat in-nota tal-attrici tat-30 ta' April 2014 bid-domandi in eskussjoni tal-Perit Legali;

Rat il-lista tad-domandi in eskussjoni ta' C B pprezentata fit-30 ta' April 2014;

Rat in-nota tal-Perit Legali, pprezentata fl-4 ta' Gunju 2014 bir-risposti ghad-domandi ta' A B, u n-nota bir-risposti ghad-domandi ta' C B pprezentata fl-istess gurnata; (fol 117)

Rat li z-zewg kawzi gew differiti ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

**C B,** pprezenta l-affidavit tieghu anness ma' nota tas-16 ta' Mejju 2008, Fol 18 et seq fil-kawza Rikors Numru 426/07.

Ikkonferma li zzewweg lil A B fis-26 ta' Frar 1978 u kienu ilhom jafu lil xulxin bejn sentejn u tlett snin. Hu jghid li ddecidew li jizzewgu pjuttost malajr billi l-genituri tieghu waslilhom il-permess biex jemigraw fl-Australia fejn kienet tghix ohtu, u billi f'dak iz-zmien dar vojta setghet tigi rekwisizzjonata ddecidew li jizzewgu u jmorru jghixu fir-residenza tal-genituri tieghu. Kellhom erbat 'itfal.

Hu jghid li ma kienx hemm imhabba ghal xulxin, kien hemm nuqqas serju ta' komunikazzjoni, affezzjoni u intimita'. Hu jghid li ghal bidu anke billi kienu qed irabbu lit-tfal kienu qed jghixu hajja pjuttost normali pero' meta kien hemm bdil fic-cirkostanzi, hu spicca bla xoghol ghal erba' snin u hi bdiet tahdem part time, iz-zwieg taghhom ma setax jimxi 'l quddiem billi kien nieqes mill-ingredjent essenzjali tal-imhabba.

Hu jghid li martu f'29 sena ta' zwieg qatt ma qaltlu li kienet thobbu, li meta kien ikollhom xi jghidu kienet tghidlu li zzewgitu ghax kien jahdem go Bank, kienet tfittex is-sigurta' mhux l-imhabba, kienet tghidlu li ma riditx tizzewweg kif

ghamlu huma u xtaqet aktar zmien biex tahsibha qabel tizzewweg, qatt ma ra hlewwa u tenerezza minnha. Skont C B martu kienet dejjem zorra mieghu, kien hemm nuqqas ta' mhabba fizika bejniethom, kienet supperva, egosita u inflessibbli; kwalitajiet li ipprekluduhom milli jkollhom relazzjoni normali, kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni, kienet tkellmu biss meta kienet titolbu l-flus, ma kinitx tinvolvih fil-bzonnijiet emozzjonali taghha, minflokk kienet tafda u tiddependi minn familjari taghha.

Xehed illi ma kinitx taghtih *support* fix-xoghol tieghu, kienet tattendi biss ghal xi ikla jew party. Jghid li kienet tikkritkah f'dak kollu li kien jaghmel anke jekk hadd iehor kien juri apprezzament ghal xogholu.

Hu kien jafdaha bil-flus li kien jaqla'. Meta ghamel erba' snin bla xoghol, hi bdiet tahdem *part time* u l-ammont li kienet taqla' hi kien jitnaqqaslu mill-ghajnuna socjali li kien jicevi hu, fil-prattika kienet qed tahdem ghal xejn f'zmien meta l-izjed li kellhom bzonn il-flus. Hu jghid li hi kellha access ghall-credit card tieghu, kellu dak iz-zmien paga tajba, u kienet tigbed kemm trid mill-kont. Hu deherlu li kienet haga tajba li jaqsmu, izda ghalkemm hi kellha access ghall-kont tieghu, hi lilu mill-banda l-ohra ma kinitx ittieh sodisfazzjon la x'kienet taqla' u wisq anqas x'kienet taghmel bi flusha. Dan l-atteggjament taghha zdied meta wirtet lill-genituri taghha. Hi wirtet ammonti konsiderevoli izda lilu qatt ma qatlu b'xejn anzi hi u hutha iddecidew li jqabbdu bhal amministratur lir-ragel ta' ohtha. Din kienet cirkostanza umiljanti ghalih billi hi kienet tafda lir-ragel ta' ohtha u lil zewgha ma kinitx tafdah.

Hu jghid li l-kont tieghu f'Settembru 2007 kellu anqas minn LM1,000 mentri taghha kellu aktar minn LM7,000, Ma jeskludhiex li ghandha kontijiet ohra ma' hutha u s-safar recenti taghha f'postijiet ezotici bhall-Karibew u c-Cina huma konferma li wirtet ammonti konsiderovoli. Hu jghix fuq il-paga li jaqla', jirrisjedi ma' ommu u ser jkollu jsib fejn jikri billi d-dar ta' ommu inbieghet

Skont C B martu rrifjutat li jisseparaw bonarjament billi tinsisti li d-dar hi taghha biss.

Jinsisti li lit-tfal qatt ma halliehom nieqsin minn xejn, attendew kollha skejjel privati u kellhom trobbija komda. Hu dejem ghin lil uliedu u kien ta' sostenn morali u finanzjarju taghhom. Ma jichadx li martu thobb lil uliedhom ukoll pero' jakkuzaha li kienet traskurata kemm f'persunitha kif ukoll fl-imgieba taghha mal-ulied.

C B xehed illi fejn tidhol dixxiplina tal-ulied,martu dejjem kienet tipprettendi li jiehu hsieb hu biex hi tidher helwa maghhom u hu qisu pulizija maghhom. Ma kinitx tafx issegwihom fl-istudji u l-homework, jekk xi hadd jehel f'xi ezami

kienet tipprettendi li l-privatijiet kienu s-soluzzjoni. Kienet tahdem part time filghodu, wara nofs inhar kienet tistrih, jew torqod jew tara t-television. Jilmenta minn ikel imsajjar malajr u fqir, nuqqas ta' ndafa fid-dar, hwejjeg ma jsibhomx, u hwejjeg ohra mhux mghoddija. Jghid li kienet tohrog bla bzonn u fit-tul u b'mod irregolari, kienet traskurata u dizorganizzata, nuqqas ta' ndafa fid-dar u fil-kcina u hwejjeg jigru ma' kullimkien. Hu jghid li qatt ma seta' ikellimha,u jaghtiha parir, hi dejjem riedet taghmel dak li kien jidhrilha hi u mhux li kien jghidilha hu. Kienet tippika mieghu u tipprovokah kontinwament.

C B xehed illi fl-ahhar snin taz-zwieg kellu jirrassenja ruhu ghal din is-sitwazzjoni. Hi kienet issib kull skuza biex tohrog u hu kien jiehu pjacir billi seta' joqghod wahdu d-dar minghajr inkwiet..... ' imma dan ma tistax issejjahlu zwieg'. Biz-zmien is-sitwazzjoni marret ghall-aghar. Hu cedielha biex tibqa torqod fuq fis-sodda, u hu kellu jorqod fil-living room fuq sufan tal-qasab, meta kien sar ovvju li ma setghux jibqghu jorqdu flimkien. Jghid li spicca jghix hajja celibi ghal snin twal billi kien hemm nuqqas evidenti ta' mhabba bejniethom, u ghalhekk spiccat l-intimita' ta' bejniethom. Ghalkemm baqghu fl-istess dar kienu qed jghixu indipentement minn xulxin, meta jirritorna mix-xoghol kien ikollu jsahhan l-ikel hu billi hi qatt ma ipprezentatlu ikel fuq il-mejda. Ma kinitx tippreparalu ikel ghax-xoghol, u kien jkollu jixtri l-ikel matul il-gurnata. Hu jghid li l-izball tieghu kien li ma sseparax qabel, pero' dan ma ghamlux biex ma jabbandonax it-tfal. Hu jghid li baqa' jittama li jsir xi miraklu, pero' kien kollu ghal xejn u fl-ahhar kellu jwarrab biex forsi jikseb il-paci f'hajtu.

Xehed li meta kellhom l-problemi kien dejjem hu li ha l-inizzjattiva biex l-affarjiet jitjiebu, kien jipprova jikkonvinciha li jmorru ghand 'councellors' jew xi hbieb li setghu jghinuhom fil-problemi li kellhom, parikolarment in-nuqqas ta' hajra taghha ghall-intimita' mieghu. Hu jghid li mill-bidu nett hi qatt ma kienet tfittxu. Spjega illi ma baqax jinvizta il-genituri taghha meta hi kienet turih li kien aktar jimpurtha mill-genituri taghha milli minnu. Jghid li meta kien jiftah qalbu maghha, qatt ma sab 'widna hanina jew ta' support minnha'. Meta zviluppa impediment fis-smiegh, flokk tissimpatizza mieghu, kienet twaqqghu ghac-cajt u tumilljah.

Jghid li waqt il-proceduri ta' separazzjoni, biex jinqata' l-glied kontinwu ta' bejniethom u fl-ahjar interess taghhom u tat-tfal iddecieda li johrog mid-dar matrimonjali. Wara ftit granet pero', billi kien halla diversi oggetti personali tieghu fid-dar matrimonjali, skopra li ma setax jidhol billi martu biddlet is-serratura. Irraporta il-kaz lill-Pulizija pero' baqa' bla access ghad-dar

L-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti huma id-dar matrimonjali ' La Perouse' Triq Giuseppi Montebello, Tarxien u l-mobbli li jinsabu fiha, l-ghamara, fajjenza u deheb.

**A B,** fl-affidavit taghha, mahluf fl-24 ta' Gunju 2008, Fol 27 et seq fil-kawza 412/07, tiddikjara li zzewget lil C B fil-1979 u kellhom erbat itfal, Kienu ilhom jafu lil xulxin xi sentejn u nofs , il-genituri taghha iddecidew li jmorru l-Awstralja, izzewgu qabel telqu il-genituri u marru jghixu fid-dar taghhom sakemm kellhom il-post taghhom.

Hi tghid li mill-ewwel beda l-inkwiet. Meta kienu ghadhom fil-honeymoon ta daqqa ta' sieq fit-train station u darba ohra kienu il-quddies il-Hadd u sakemm irritorna ghall-postu gie haddiehor f'loku u tant hadha bi kbira li meta hargu barra ta' daqqa f'wiccha quddiem in-nies.

Missierha kellu bicca art f'Hal Tarxien u qalilha li kien ser jaghtijielha biex tibni d-dar. Meta kienu ghand in-Nutar, C qallu biex jaghmilha fuq it-tnejn u missierha biex ma jaqlax inkwiet hekk ghamel. Hi tinsisti li C qatt ma hallas lill-missierha, li taha somma flus bhala rigal ghat-tieg u hallas ghall-aperturi tad-dar u affarjiet ohra. Iz-zijiet taghha ghamlu b'xejn ix-xoghol tal-concrete kollu tad-dar. C ma kienx japprezza din l-ghajnuna kien dejjem jghid ' mur ara x'tawni' pero' issa qed jipprettendi nofs id-dar.

Hu kien ghajjur ghaliha u dejjem jissuspetta hazin fiha, ried jaqtaghha minn hbiebha kollha. Meta kienet tqila bil-kbira kien qalilha ' Sirt qisek hanzira' flokk jirrispettaha u jikkumplimentha kien jaghajjarha.
Ftit granet qabel twieldet il-kbira, talbitu biex johorgu izda tghid li qabad jaghajjat u mar biex jsawwatha. Kienet ommu li wafqitu milli jerfa' idejh fuqha. Iddecidew li jaghmlu party tal-maghmudija izda hu oggezzjoni li tistieden il-hbieb taghha mix-xoghol, u gera warajha it-tarag kollu, dan kien ftit granet biss wara li kienet weldet b'cesarja u kellha il-ponti friski.

Meta marru fid-dar taghhom ghamlu certu zmien kwiet pero' hi kienet dejjem attenta mieghu u ma tikkontradicihx biex izomm il-paci.
Kien iwahhal fiha ghal kull haga li tigri, ma kinitx tipprovokah u kienet titwerwer meta tarah irrabbjat.
Meta ohtu l-kbira sseparat marret tghix maghhom ghal xi zmien u C , biex jinsolentha qalilha "minn jaf xi tkun qed taghmel maghha hemm fuq".
Darba ohra akkuza lill-missierha li abbuza sesswalment lilha u lill-ohtha.

F'Marzu 1979, hargu u billi damu barra meta waslu d-dar kien kollu nervi, beda jghajjat u hebb ghaliha u spiccat bi 'black eye'. Ma riditx tghid lill-genituri taghha biex ma tinkwethomx. Kienet xi haga tal-misthija ghaliha li r-ragel kien issawwatha. Ghaliha iz-zwieg ifisser imhabba, rispett, xi naqra fsied 'f'kelma wahda xi haga sabiha u mhux infern u morsa'. Hi tghid li minn dan kollu ma sabet

xejn u beda juriha li kien bniedem abbuziv fizikament,emozzjonalment u mentalment.

Kien dejjem jipprova jiffridha mill-familja taghha, kien jiehu pjacir jiksirha quddiem il-genituri taghha, tant li dawn kienu jinkwetaw hafna ghaliha. Kien dejjem ghassa ghaliha bhal jekk taghmel xi zball jew tinsa xi haga, kienet trid tlahhaq ma' dar b'erbat itfal u hu qatt ma ghinha jordna biss u bil-forza.

Wara li kellha l-ahhar tarbija b'cesarja, kellha dwejjaq kbar u kienet qaltlu biex s-sena ta' wara jmorru x'imkien fl-ahhar tas-sena, ir-reazzjoni tieghu kienet li beda jajjarha 'qahba', u li diga bdiet tahseb fejn ser tmur tiggerra sena ohra.

Gieli meta tkun qed tinhasel kien jghajjarha u jumiljha bi kliem bhal "xi kruha qisek xadina". Darba qabadha minn xagharha u kaxkarha il-kuritur kollu u qalghalha ponn xahar li zammitu.
Darba ohra qabel telaq ghax-xoghol kellu burdata hazina ghax irripondietu u tefghalha flixkun kafe u laqatha fuq xofitha, farrett li baqa' jidher. Mar jindirizza is-seminar bhala leader tal-Prayer Group ta' Hat-Tarxien qisu ma gara xejn. Tghid li hu 'veru ipokrita'.

Meta kien jkollhom xi jghidu ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja, ghalkemm kien jahdem. Darba minnhom hallieha bla flus sena shiha. Wara li kitbitlu bl-avukat beza' u rega' beda jhallasha. Tghid li anke l-ftit li kienet taqla' mill-part time kien jippretendi li hi tiddepositah fil-kont tieghu, flok jghidilha tixtri xi haga ghaliha. Hi tghid li kienet tonfoqhom ghall-ikel ghall-familja. Kienet tpoggi LM50 fil-Joint account li kellhom, meta marret ticcekja skopriet li kien ha kollox minghajr ma qalilha.

Ma kienx jahmel lill-familja taghha, ma kienx baqa' jmur maghha jara il-genituri taghha, mentri hi baqghet tmur tara l-genituri tieghu u tiehu it-tfal maghha. Meta jkollhom xi jghidu ma kienx ihalliha tmur tarahom, ghal tlett xhur shah qabel twieldet iz-zghira. Kien vendikattiv u dejjem jikkastigha. Hadd mill-familja taghha ma seta' jmur ghandhom jekk mhux bil-permess tieghu. Anke meta missierha kien jmur jaghmel xi xoghol fil-gnien kien jibqa' fuq biex jaghti l-impressjoni li ma kienx id-dar.

Meta il-genituri taghha ghalqu 50 sena mizzewgin ghamlu quddiesa u wara haduhom jieklu. Hu biss ma marx. Ma tafx x'kienet ir-raguni tahseb li kien jghir billi il-familja taghha kienu jifirhu flimkien.

Meta lil missierha tah stroke dahluh f'home vicin, hi u hutha kienu jiehdu lill-ommhom in turns biex tara lil missierha li spicca ipparalizzat. " Bi hdura kollha C kien jghidli x'sejra taghmel tara lill-missierek bicca laham mitruha, u jajbu".

Darba kienet qed tigbor il-hwejjeg ghall-hasil u mill-but tal-qmis tieghu waqa' biljett b'messagg iffirmat minn mara. Meta staqsietu qalilha li ghamluhielu l-gwardjani tal-habs b'vendikazzjoni. Kien dejjem igib l-iskuzi meta jinqabad. Dak iz-zmien kien johrog wahdu ta' spiss daqqa' jghid irgiel biss u daqqa' ohra xi birthday ta' xi hadd. Hi kienet tibza' tikkonfrontah, pero' jekk tkun trid tohrog hi ma' xi habiba kien jibda jinfamaha u ma jhallihiex.

Kull xoghol li kellu kien jkollu jitlaq ghax jiggieled ma' xi hadd. Wara li telaq mill-job tal-Coca, fejn kellu paga tajba dam 9 xhur qieghed. Kienu dejjem jieklu minn gewwa. Laanqas flus biex jixtri lit-tifla l-kbira x'tilbes ma kellu, darba xtratilha zarbun iz-zija taghha.

Wara erba' snin sab xoghol mas-Sedqa bil-paga minima, l-argumenti bdew jizdiedu u kien isawwatha quddiem it-tfal li kienu jippruvaw iwafquh. Kien jghidilhom " meta tikbru tifhmu ahjar kemm ghandi ragun". Meta it-tnejn il-kbar tfarfru kienu jippruvaw ma jkunux Malta waqt il-festi billi f'dawn l-okkazzjonijiet dejjem kien jqajjem xi storja u jisfratta kollox. Meta kien issawwatha l-aktar li kienet timpressjona ruhha kienet iz-zghira. Hi tghid li hassrilha hajjitha lil din it-tifla li baqghet mgerxa hafna, u bla kunfidenza. Dawn ix-xenati kellhom effett hazin fuqha tant li kienet marret hazin fl-ezamijiet.

Ma tantx dam jahdem mas-Sedqa. Tghid li tkecca ghax kien jittanta lit-tfaljiet. Bil-wicc tost kollu biex jizvija l-attenzjoni beda jistaqsiha jekk Nikki kienx tieghu. Hi offrietlu li jsir id-DNA Test. Ghajjritu "Faccjol" u meta marru d-dar talabha tahfirlu. Hafritlu u ma qalet xejn lit-tfal.
Hu dam erba snin bla impieg, kien zmien difficili. Ried jitfa' l-htija fuq martu li ttanta t-tfajliet izda hi qatt ma ammettiet li b'xi mod kellha xi tort.

Bdiet tahdem part time fi skola meta iz-zghira kellha erba' snin. Hu ma kienx kuntent u kienet dejjem tibza li jmur hemm u jaghmel xi xenata quddiem kullhadd. Kienet qed tghix f'tensjoni kbira u jekk tittardja xi ftit kien jajjarha li marret mas-surmast u ma' tal-grocer. Kien jimmalfamha u dejjem jivvinta fuqha. Kien jorqod isfel u hadd ma seta' jersaq lil hemm waqt li jkun rieqed. Hi tghid li kienet ghazla tieghu billi hi qatt ma keccietu mis-sodda taghhom.

Kien hemm diversi okkazzjonijiet meta telaq mid-dar, darba mar f'Hotel B'Buga darba ohra mar ghand ommu, u mar lura wara gimgha b'hafna prepotenza. Hi tghid li kemm-il darba xtaqet titlaq mid-dar, ma telqitx minhabba t-tfal. Kien jajjarha 'qahba' quddiem it-tfal. Meta kienet titolbu zieda fil-flus kien jghidilha biex tmur titqahhab. Kien jipprova ikkecciha mid-dar biex tmur ghand ommha. Rari kien johroghom bhala familja, hi kienet dejjem tigri bit-tfal wahedha.

Nhar ta' Hadd kien beda jmur jiekol ghand ommu jew ghand ohtu minghajr ma jghidilha. Minn ghand ohtu kien jigi xurban u gieli hebb ghaliha.

Darba ohra sawwatha ghax riedet tmur il-BBQ ta' huwha li kellu il-Birthday, hu mhux biss ma riedx jmur izda sfratta lil kulhadd ghax ma ried lil hadd li jmur. Meta hi insistiet li jmorru beda jsawwatha.

Ma kellu l-ebda rispett ghall-genituri taghha, kien jghajjar lill-ommha mejta bi kliem oxxenn. Ma kienx jirrispetthom izda ried flushom. Wara li miet missierha marru cruise, hallset kollox hi inkluz tieghu, u bil-wicc tost kollu meta gew lura qalilha li ma kienx ha pjacir.

Fi zmien il-Milied xi tlett snin qabel hu kien mar il-Libja, hi kienet marret il-Belt ma' ohtha, hasbet li ser tilhaq tirritorna qabel jigi hu izda l-arjuplan dahal kmieni, cemplilha u beda jghajjat u jinsulentaha. Marret sparata d-dar u hu rrifjuta li jifthielha. Kellha tmur torqod ghand kugina taghha li tghix Hal Tarxien. L-ghada ma riedx iddahhalha d-dar jekk ma tghidlux fejn kienet. Ma telqiethux ghax ma riditx tharrbat it-tfal fl-istudji taghhom.

Ghamel zmien jghid li it-tifla l-kbira kienet lesbjana, u li ommha ma ridithiex. It-tifla ghamlet tlett ijiem tikbi u ma tkellimx lil ommha. Dan kien kollu qlajja da parti tieghu billi t-tifla kienet l-ewwel baby fil-familja, altru li ommha ma ridithiex.

Fis-sena 2006 mar darbtejn il-Grecja, qal lill-martu li kien sejjer fuq xoghol u talabha tixtrilu qliezet ta' taht godda. Ma ried jaghtiha l-ebda dettal dwar il-vjagg, hafna sigrieti. Meta ghamlet xi verifiki rrizultalha li kien qed jigdeb.

Meta gie lura kien ferhan u ecitat mhux bhas soltu dejjem jeqred, tant li anke gab mieghu xi rigali. Sabitlu kontracettiv fil-but tal-gjakketta, qalilha ma kienx jaf mnejn gie. Qaltlu biex jitlaq 'l barra. Mill-istatement tal-Visa rrizulta li il-hotel kien chalet fix-xifer tax-xmara b'rati gholjin hafna.

Sabet invit ta' tieg 'C and Guest' u ratha stramba wara 29 sena zwieg. Hi kkonkludiet li ma' hbiebu tax-xoghol kien jaghti l-impressjoni li hu sseparat jew single.

Hi baqghet tahsillu u ssajjarlu anke meta ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja. Ma setatx taghmel platti kbar izda dejjem kielu. Hu kien dejjem jeqred u hi kienet tibza' minnu.
Irceviet ittra minn ghand l-avukat tieghu ghas-separazzjoni u ittra ohra mill-Kurja ghall-Annullament. Kompliet issajjarlu u tahsillu u hu dejjem jghajjarha quddiem it-tfal u jeddidha li joqtolha jew jihanxrilha ghonqha.

Kien jibghatha tixtrilu is-sigarri. Qabditu jiccetja ma' mara b'xagharha qasir u bin-nuccali, aggrediha, qabadha minn ghonqa u dahlilha rasha fis-sink tal-wash room. Bdiet tghajjat u tikbi u qaltlu li kienet ser tirrapporta lill-pulizija u hu jghidilha li ma kellhiex kuragg tmur. Kien hemm diversi drabi ohra fejn spiccat ma marritx tirraporta, pero' din id-darba ghamlet kuragg u marret, l-ewwel il-Polyclinic u wara l-Ghassa tal-pulizija li baghtu ghalih. Gie lura irrabbjat u lit-tfal qalilhom li hi rrapportatu ghal xi haga li ma ghamilx.

Fit-13 ta' Novembru 2007 baghat messagg lit-tifla l-kbira biex jghidilha li kien telaq mid-dar. X'hin marret lura sabet li kien qata' t-telephone, l-internet, ha l-computer, il-kotba, hwejgu kollha mill-gwardarrobba' probabli gew tar-removals.
.
Wara li telaq tghid li hi u t-tfal bdew jghixu fil-paci minghajr tensjoni, glied u swat.

Hi tghid li t-tfal kienet twassalhom kullimkien, privatijiet, hobbies, duttrina, laqghat tal-iskola, hrug, Parents Day. Hu rari attenda ghal xi okkazzjoni tat-tfal, kien jghid li kien jiddejjaq.

Qabel mar il-Grecja kien jinqeda biha u wara jmur jorqod isfel fuq is-sufan.

Hi dejjem hadet hsieb it-tindif tad-dar wahedha u lit-tfal kienet thallihom jiddedikaw il-hin kollu taghhom ghall-istudju, kienu jmiddu idejhom biss meta hi kienet tkun ma tiflahx.

Hi tiddikjara li kellha affezzjoni ghalih pero' bix-xenati li kien jaghmlilha kien jbeghedha minnu u mhux jigbidha lejh. Tghid li kieku ma kinitx thobbu ma kinitx taccettah lura id-dar wara li tkecca mix-xoghol ghax ittanta it-tfajliet.

Hi qatt ma tkixxfet x'wiret hu minn ghand il-genituri tieghu mentri hu kien mar jigbor kopja tat-testament tal-genituri taghha.

Wara li telaq mid-dar ma riedx jibqa' jmantni lit-tfal, u kien biss wara digriet tal-Qorti li gie ordnat jmantni lit-tifla z-zghira.

**Marie Claire B**, bint il-kontendenti, fl-affidavit taghha Fol 38 fil-kawza 412/07 ddikjarat li mindu kienet zghira tiftakar li l-genituri taghha dejjem kien jargumentaw. Tiftakar incident partikolari meta kellha xi erba' snin, bdew jargumentaw fil-karozza, missierha saq lura ghad-dar u komplew jillitigaw d-dar. Darba ohra meta kellha xi tnax il-sena tiftakarhom jillitigaw meta ommha sabet card fil-gjakketta tieghu, minn mara ohra.

Kien dejjem jaqla' xi argument meta kienu jkunu mistiednin ghand xi membru tal-familja ta' ommha. Hu ma kienx ikun jrid imur pero kien jinsisti li l-anqas ahna ma immorru. Dan kien ikun ta' dispjacir kbir ghalihom it-tfal. Hi tghid li kemm-il darba ommha tkun ippreparat xi dixx lasanja u hu jaqlibhulha b'vendikazzjoni. Hi kkonfermat li missierha kemm-il darba refa' idejh fuq ommha. Ikkonfermat l-incident meta missierha kien tefa' flixkun kafe u laqghat lill-ommha fuq xuftejha, qasma li baqghet tidher.

Tikkonferma ukoll l-incident meta lil ommha qalalha ponn xaghar. Kienu dejjem jghixu f'tensjoni minhabba l-atteggjament aggressiv ta' missierhom. Tikkoferma ukoll l-incident meta kienu mistiednin ghal BBQ ghad iz-ziju, hu ommha, u missierha la ried jmur hu u l-anqas ried lill-mara u t-tfal jmorru, u nqalet glieda kbira. Meta tkellmet favur ommha, missierha aktar tmashan meta ra li binthom kienet qed tidefendiha. Qaltlu biex imur ghand tabib jiccekja mohhu billi ma setghux jibqghu f'din il-hajja ta' paranoia u glied. Kien tefghalha mug tal-fuhhar mimli kafe shun u wara waddabha mal-art fejn kien hemm il-bcejjec tal-mug imkisser. Tant ghafasha mal-hajt li hasbet li kien ser joqtolha. Kien wafqu huwha izghar minnha ghax missierha ma kienx qed jirrealizza x'kien qed jaghmel bid-dahdija li kellu. Kien hemm okkazzjonijiet ohra meta missierha kien refa' idejh fuqha. Dan kien meta applikat ghas-sixth Form. Hi bi prudenza ma applikatx ghall-iskejjel tal-knisja biex ma tnefqux flus anke billi kien bla xoghol. Kien qam ghaliha, sabbatha mal-hajt, quddiem ommha u hutha, ohtha iz-zghira kellha biss erba' snin. Hi 12-il sena akbar minn ohtha u kien jhossha fid-dmir li ddahalha fil-kamra taghha meta kien jinqala' dan il-glied kollu billi din kienet tibki u tirthod bil-biza.

Ikkunfermat l-incident ta' meta kien mar Ateni u kellhom xi jghidu wara li ommha sabitlu kontracettiv fil-but tal-gakketta. Minnhabba l-glied kontinwu u t-tensjoni kbira li kien hemm id-dar kienet tipprova kemm jista' jkun tevita li toqghod id-dar. Ma felhitx tghix f'dik it-tensjoni.Kienet emozzjonalment u mentalment imfarrka.

Ikkonfermat li f'Novembru waqt li kienet ix-xoghol rceviet SMS minn ghand missierha li qalilha li telaq mid-dar. Ghalkemm kienet qed tistenniha xorta kienet shock ghaliha, pero' wara li telaq bdew jghixu fil-paci. Kullhadd kien kuntent li ma baqghux jisimghu kliem baxx, tghajjir u glied.

**Tonio Briguglio**, Assistent Direttur fid-Direttorat tas-Servizzi Edukativi, xehed fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2008, Fol 29 u kkonferma li l-paga ta' A B ghas-sena 2007 kien ta' Euro5,841.11 (l-ekwivalenti ta' LM2,507.59)

**Brian B,** Legal Officer fil-Licencing and Testing Directorate, fi hdan l-ADT, xehed fl-istess seduta, Fol 31 u kkonferma li ma kien hemm l-ebda vettura registrata fuq A B.
Irrizulta li kien hemm vettura registrata fuq C B, numru ta' registrazzjoni GAC 951 li giet 'scrapped' fit-2 ta' Awwissu 2000.

**David Galea**, Bank Clerk mal-APS Bank Limited, li xehed fl-istess seduta, Fol 33, ikkonferma li C B kellu kont li infetah fit-2003, kien fih LM3,000, il-kont nghalaq fit-2005 u il-flus gew sbankati in cash.

**Jeanette Lepre'** ghal-Lombard Bank Malta plc, Fol 34 ikkonfermat li mir-ricerka li saret ma irrizultax li kien hemm kontijiet f'isem C B.

**Audrey Ghigo,** ghal-HSBC Malta plc, Fol 36 ikkonfermat li fuq isem C B kien hemm 'current account' li nfetah fis-16 ta' Lulju 1993 u esebit l-istatement relattiv li gie market Dok AG1; Savings Account li nfetah fis-16 ta' Lulju 1993, statement gie pprezentat u market Dok AG2, u Master Card li infetah fit-23 ta' Awwissu 2003, statement gie pprezentat u market Dok AG3. Fuq kontijiet li kienu joint ma' terzi ddikjarat li ma setghatx tixhed billi kien mehtieg li tigi ezentata mis-sigriet professjonali. L-istess xhud fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008, Fol 260, ipprezentat statements ta' kontijiet bankarji li gew immarkati Dok AG1 sa AG5.

**Paul Debono,** kugin ta' A B, xehed fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 260. Hu ikkonferma li qabel izzewgu il-partijiet, il-familja tieghu kellha business ta'Ready Mix Concrete u barrier, fin-1979 miet missieru u hu ha over in-negozju tal-familja. Kienet avvicinatu il-kugina, li qaltlu li kienet ser tibni dar. Kienu ghamlulha xoghol fit-tlett sulari u ghall-hlas, iz-zijiet u hu ddecidew li jkun rigal lilha personali. Anke ma' ohtha Rosette li bniet xi ftit snin wara ghamlu l-istess haga.

**Mikelina Ciantar,** habiba ta' A B, xehdet fl-istess seduta, Fol 262. Hi kkonfermat li huma girien u saru jafu lil xulxin mill-*prayer group*. Hi ghalliema irtirata, kienet councellor Ta' Kana u hadmet hafna fil-Parocca. Ilha taf lil A ghal dawn l-ahhar 27 sena. Kienu johorgu jimxu kull jum flimkien ghal xi siegha filghodu u A kienet tghidilha kemm kienet mdejqa, darba ghamlet il-mixja kollha tikbi, darba kellha tbengila fuq sidirha u qaltilha li C kien aggrediha. Tghid li A kienet mwegga' hafna, C kien jissakkar wahdu mal-computer f'kamra fuq il-bejt u gieli skopriet li kien jkun jikkomunika ma' nisa ohra.

Hi kkonfermat li A dejjem hadet hsieb it-tfal u kienet tbati hafna. Hi kienet tirrakkomandalha biex wara li jkollha xi incident tmur tara tabib u taghmel

certifikat, izda hi kienet tibza' partikolarment minnhabba t-tifla z-zghira li kienet tghaddi minn trawma kull darba li tara xi incident bejn il-genituri.

It-tfal taghhom kienu jmorru l-istess skola u r-ragel taghha, billi kien jahdem bix-shift gieli ha l-iskola kemm lill-binthom kif ukoll ulied il-partijiet. Darba rat lil A twassal lit-tfal b'tal-linja.. Hi ghalhekk kellmet lil C u ftehmu li jekk ir-ragel taghha ma jkunx jista' jigborhom kien jmur C ghalihom. Hi taf li C kien jahdem is-Sedqa u li tkecca ghax ittanta tfajla li tahdem hemm. Wara li bdiet is-separazzjoni hi qatt ma rat jew kellmet lil C.

**Monica Camilleri,** oht C B fl-affidavit taghha Fol 280, iddikjarat li giet lura mill-Awstralja ma' zewgha u binha fin-1981 meta C kien ilu mizzewweg xi sentejn. Hi kienet innotat li martu kienet tingibed lura meta kien jikkarezzaha allavolja kien ghadhom fil-bidu tal-hajja mizzewga taghhom. Hi tghid li dwar dan kienet tkellmet ma' A li kienet qaltilha li it-tmesmis bla bzonn kien jdejjaqha. Lil huwha qalulu biex ma jzielex biha quddiemhom ghax kienet tisthi, pero' hu kien jghid li anke f'kamrithom kienet frigida u bierda. Hu qalilhom li ghaliha l-att taz-zwieg kien issir biss b'sens ta' dmir u mhux b'sinjal u turija ta' imhabba. Hi kienet tghin lil A meta kien jkollha xi okkazzjoni jew festin fid-dar. Pero' A kienet taghmel ta' rasha u ma kinitx taghti kas tal-pariri u s-suggerimenti li kienet taghtiha. Kienet issegwi il-pariri li jaghtuha membri tal-familja taghha u dan kien jurtah lil huha. Hi tghid li huwha kien jhossu imwegga u ttraskurat minn martu.

Tghid li huwha kien mdejjaq bl-argumenti ta' kuljum ma' martu u kien ikkonvinciha li jmorru Wales, anke biex isiefru, biex jattendu ghall-kors ta' "Fejqan fiz-zwigijiet mkissra", ghal xi zmien ir-relazzjoni taghhom immeljorat, pero' wara ftit zmien rrivertew ghas-sitwazzjoni precedenti.

Hi tghid li huwha kien jaghmel sagrificcji personali biex jirranga is-sitwazzjoni ta' bejniethom, kapricc wiehed biss kellu, it-tipjip. Meta spicca bla xoghol sofra hafna u martu ma kinitx tikkonslah u tappoggjah. L-aktar haga li kienet iddejqu kienet in-nuqqas ta' intimita' bejniethom bhala koppja, u li kienet tahbilu u ma tghidlux kollox, ezempju ta' dan kien fis-sajf ta' 2007 meta martu u uliedu l-bniet kienu sejrin vakanza c-Cina u hu sar jaf b'dan lejliet u b'kumbinazzjoni. Martu halliet dizordni kbir meta telqet bla kliem u bla sliem ghal tlett gimghat shah.

Tghid li huwha C u martu A ma ghandhom xejn komuni, xejn kompatibbli. Hi ma ghandha xejn kontriha personalment, pero' tahseb li A ttraskuratu u dawret lit-tfal kontrih.

**Isabel Piscopo,** oht C B , fl-affidavit taghha, Fol 283, iddikjarat li huwha kien ikkontribwixxa hafna ghall-familja tieghu. It-tfal, l-erba' li huma kollu marru skejjel privati, trabbew fil-kumdita', parties ghal kull okkazzjoni importanti, tant

li hu lanqas karrozza ma kien f'posizzjoni li jixtri. Hi thoss li bhala koppja ma kienx hemm imhabba u kompatibilita' bejniethom. Hi tghid li huwha issagrifika hajtu ghat-tfal, u ghalkemm kien insoddisfatt u depressed qatt ma abbandonhom lit-tfal.

Hi ukoll ikkonfermat li fuq inizzjattiva tieghu il-partijiet kienu marru kors f'Wales intis biex jghin lill-koppji li jsiebu ruhhom f'diffikolta'.

Ikkonfermat li kien hemm okkazzjonijiet meta huwha, nhar ta' Hadd meta kien jinzerta ghandha kienet tistiednu jibqa' ghall-ikel u li wara zewg okkazzjonijiet kienet cemplitilha A biex tghidilha li wara kien jmur id-dar aggressiv u xurban. Hi ddikjarat li kienet sorpriza billi ghandha il-komportament tieghu kien ta' bniedem normali u kien jiehu biss xi zewg tazzi inbid mal-ikel. Hu kien jhoss li kien qed jaghmel l-ahjar li seta' ghall-familja anke jekk ir-relazzjoni ma' martu ma kinitx wahda felici.

**William Martin,** Operations Manager u rapprezentant tat-Dakar Software, fix-xhieda tieghu Fol 835 ikkonferma li C kien telaq mix-xoghol fit-18 ta' Ottubru 2009 minhabba redundancy. L-Employer tieghu is-Sur David Schranz kien qallu li kien jinhtieg li jaggorna ruhu mat-teknologija il-gdida tal-IT, izda C minhabba l-eta' ma kienx dispost li jattendi courses ta' aggjornament. Ix-xoghol tieghu hu ta' programmer u huma ipprettendew li jitghallem il-lingwi l-godda tal-IT bhal JAVA etc, u Long Vegas.

Dan gie ikkonfermat mill-istess **David Schranz,** Managing Director tal-Kumpanija Dakar Limited, meta xehed fis-seduta tat-18 ta' Frar 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 909 et seq, li ddikjara li C ma tkecciex mix-xoghol izda sar redundant, kien ilu jahdem mal-Kumpanija 10 snin. Huma ma kienux f'posizzjoni li joffrulu it-tahrig u gie sostitwit b'xi hadd iehor li kellu 3 jew 4 snin esperjenza fix-xoghol skont l-ahhar teknologija.

**A B**, fl-affidavit ulterjuri taghha, Fol 925 ikkumentat dwar ix-xhieda moghtija minn David Schranz fis-sens li lilha ma kienx qalilha ezattament dak li xehed. Meta tkellmu fuq it-telephone hi tghid li x-xhud kien qalilha li C ma kienx qed ilahhaq ma' deadlines u ma riedx jattendi courses, li kien insobordinat, u kien inqabad "chatting" u jilghab l-Blackgammon fuq il-computer flok jaghmel xogholu, u li kien sikwiet ikun skartat mix-xoghol tant li kien sar standing joke ' The vanishing Act of C'.

**Rosette Fenech Adami,** oht A B, fl-Affidavit taghha, Fol 927 ikkonfermat li missierha Carmelo Galea kien ghadda bicca art lill-ohtha, A, kien ghamel l-istess haga maghha, lil huha David Galea kien tah garage fil-Gzira u lill-huwha Godwin Galea, tah flus billi kien adotta tifel mill-Brazil. Missierha kien qalilha li fuq il-

kuntratt ser ikollu jdahhal lil C billi kien ir-ragel taghha izda mhux ghax hu xtaq hekk. Hi ddikjarat li taf li ohtha u zewgha qatt ma hallsu lill-missierha tal-art.

Dan gie kkonfermat minn **Godwin Galea**, affidavit Fol 928 u minn **David Galea,** affidavit Fol 929.

**Marlene Curmi,** li xehdet fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2010, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 937 ikkonfermat li l-partijiet huma hbieb taghha , ilha tafhom madwar 25 sena jmorru ghand xulxin u gieli kielu flimkien. Hi tghix Hat-Tarxien ftit 'l boghod mill-partijiet u maghhom kienet tattendi l-istess prayer meetings. Gieli kienet prezenti meta kien jinqala' xi argument bejniethom. Gieli A kellmitha fuq il-problemi li kellha ma C u gieli kellha xi tbengiela. A kienet ammettiet maghha li C kien refa' idejh fuqha. Hi kkonfermat li C kien jahdem mas-Sedqa u spicca minn hemm billi kien 'ipprova jinhabb u jghannaq tfajla'.
Maghha kien jilmenta li minn A ma kienx jara karezzi u hu xtaqq li jkollu aktar attenzjoni minnha. A gieli illmentat maghha fuq in-nuqqas ta' flus u li billi kien xi drabi vjolenti maghha kien difficili ghaliha biex tkun 'loving'.

**A B,** fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 947 ipprezentat certifikat Dok CFC1 u Dok CFC2 dwar it-tbengil li ghamlilha r-ragel, kopja ta sentenza markata Dok CFS1 u zewg dokumenti tas-Sedqa, Dok CFCS2 u Dok CFCS3 li juru li C tkecca mix-xoghol ghax ittanta xi tfajliet. Ipprezentat ukoll Dok CFS4 u CFS5 b'konferma tal-emails u c-chatting li kien jsir minnu. Ipprezentat ukoll condom li sabitlu fil-hwejjeg meta rritorna mill-Grecja, kif ukoll troffa xaghar taghha wara li refa' idejh fuqha.

**Ramona Cuschieri,** fix-xhieda taghha, Fol 1018 ikkonfermat li damet tahdem mas-Sedqa 15-il sena, darba dahlet filghodu u sabet wahda mis-segretarji tikbi, ma tiftakarx ezzattament x'gara pero' kienet haditha ghand il-management u C waqaf jahdem mas-Sedqa. Din it-tfajla kien jisimha Daniela.

**George Spiteri,** li jahdem fil-Human Resources Deppartment tal-MFSA , Fol 1050, ikkonferma li C B beda jahdem maghhom fl-1 ta' Ottubru 2010 bhala Deputy Director, ghandu kuntratt ta' sentejn li jiskadi 30 ta' Settembru 2012 u jaqla gross Euro 10,718. Ipprezenta FS3, kopja tal-kuntratt u payslip markati Dok MFSA1, MFSA2 u MFSA3.

B'kuntratt ippubblikat fis-7 ta' Jannar 1981, Fol 1056, jirrizulta li Carmelo Galea, missier A B biegh lill-partijiet l-fond urban fi stat ta' kostruzzjoni " La Perouse" fi triq gdida bla isem f'Hat-Tarxien u b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Carmelo Mangion fl-14 ta' Marzu 1987, Fol 1059, Tarxien Investments Limited

bieghet lil C B zewg plots markati 5 u 5A li mit-Tramuntana huma in parti adjacent ghall-beni tal-istess kompratur.
B'kuntratt ppubblikat fil-11 ta' Frar 1981 Fol 1063, C B issellef mill Lohombus Corporation Limited is-somma ta'£M7,500.

**C B** meta xehed in kontroezami, Fol 1113, ikkonferma lli kien waqaf mix-xoghol izda mhux minhabba sexual harassment. Hu jammetti li kien ilu sena ma jorqodx mal-mara u ghamel zball li talab persuna li tahdem mieghu biex tohrog mieghu. Hu jghid li qatt ma kien hemm xejn bejniethom pero' billi din kienet ghamlet rapport li ghalih kien xokkanti ddecieda li jirrizenja.

**David Galea**, hu A B li xehed fis-seduta tas-17 ta' marzu 2016, Fol 1292 ikkonferma li l-fond 179/180 Triq ix-Xatt Gzira hi propjeta' ta' l-ahwa, li kellhom ftiehem ma' kuntrattur u sehem A kellu jkun flat mill-izvilupp, il-kuntrattur kien ser izomm erbgha minnhom.

Il-Perit Legali. Dottor Norma Vella Bardun halfet ir-rapport taghha fit-13 ta' Jannar 2014, Fol 85 et seq fil-process 412/07. Hi waslet ghall-konkluzjonijiet nsegwenti:

It-tort ghandu jinqasam bejn il-partijiet, 5/6 tal-htija ghandha tigi attribwita lir-ragel u 1/6 lill-mara, billi iz-zwieg tkisser minnhabba l-vjolenza li r-ragel uza fuq martu, li minn naha taghha naqset milli turi rispett fil-konfront tieghu. Dwar manteniment ir-ragel ghandu jibqa ihallas manteniment ghat-tifla Rebecca sal-eta' ta' 23 sena billi baqghet tistudja, l-ammont ta' Euro 117 kull erba gimghat u lill-mara l-ammont ta' Euro 233 kull erba gimghat.
Ma ghandu jinghata l-ebda provvediment dwar il-kura u kustodja tal-ulied u dwar l-access billi dawn huma illum kollha maggorenni.
Il-pjan ta' divizjoni tal-Assi tal-kommunjoni tal-akkwisti propost mill-Perit Legali jinsab a fol. 98 sa 101 tar-rapport.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Il-partijiet intavolaw kawza kontra xuldin, C B ipproceda b'kawza ta' Separazzjoni Personali kontra martu, A B Rikors Guramentat Numru 426/07; filwaqt li A B pprocediet kontra zewgha ghal Separazzjoni Personali b'Rikors Guramentat Numru 412/07.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 fejn gie enuncjat illi l-Ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Eliza Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925, gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni ta' separazzjoni personali m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 Vol. XLV C.11.708 ntqal li:
'
"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu irendu il-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Marthese Vella vs George Vella"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 ntqal li :

"Ghal dak li jirrigwarda theddied u vjolenzi, il-Ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima........... l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"

Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmela Falzon vs Paolo Falzon**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959, Vol XLIII B.i.208.gie ritenut illi:

"B'ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi,tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal- pronuncja ta' separazzjoni personali bejniethom, "in toto" jew in parti, hi fakkoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi. U allura jiddependi mid-deskrizzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari."

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:-
*"Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn*

*wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi.*
*Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Inghad ukoll fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili **Sylvana Stringer vs Jeremy Stringer** deciza fit-28 ta' Frar 2003:
*"Issa kif inhu pacifiku "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" - "Elisa Thompson -vs- Edward Thompson", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne mart Jesmond Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003, inghad li:
*"... l-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnha" ("**Genoveffa Magri –vs Joseph Magri**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);*

In tema ta' adulterju, fil-kawza fl-ismijiet **Rosina Micallef vs Angelo Micallef** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964, intqal:

*"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche dawn jkun gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."*

Fil-gurisprudenza nostrana l-adulterju huwa meqjus bhala wiehed mill-aktar raguni gravi ghat-tkissir taz-zwieg ghaliex proprju jkisser wiehed mill-pilastri ta' zwieg b'sahhtu, ossia l-fedelta`. Huwa rikonoxxut ukoll illi min-natura tieghu l-adulterju mhux dejjem facli tippruvah.

Fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Edwards vs Dottor Jos. H. Xuereb noe** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

*"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt".*

B'applikazzjoni tal-principji su-citati, l-Qorti taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet fir-rigward tal-htija ghat-tkissir taz-zwieg.

Ikkonsidrat;

Irrizulta abbondantement mill-provi li l-incidenti ta' vjolenza u aggressjoni mir-ragel fuq martu ma' kienux incidenti izolati u rari, izda kienu incidenti rikorrenti u ta' certa serjeta' u gravita'. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2011 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, A B pprezentat certifkat mediku rilaxxjat mit-Tabib Dr James B fl-20 ta' Mejju 1982 b'konferma li kienet qed issofri griehi f'wiccha u fuq l-istonku taghha, Dok CFC1 Fol 952 Vol 4. Fl-istess seduta pprezentat certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Dr C Saliba fit-28 ta' Mejju 2007 b'konferma li soffriet feriti f'incident li gara fit-18 ta' Mejju 2007, Dok CFC2 Fol 953 Vol 4.

Giet ipprezentata ukoll fl-istess seduta kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, presjeduta mill-Magistrat Dottor Anthony Vella tas-26 ta' Novembru 2008 fejn r-ragel nstab hati li hebb ghall-martu fis-7 ta' Novembru 2007 u kkaggjonalha feriti ta' natura hafifa kif iccertifika it-tabib Dr Ian Gauci mill-Paola Health Centre, Dok CFS1 Fol 954 Vol 4.

Fl-affidavit taghha, Fol 27 fil-kawza 412/07, A B kkonfermat li l-vjolenza tieghu bdiet mill-ewwel addirittura mill-honeymoon, meta ta daqqa ta' sieq fit-train station. Ftit wara, semplicement ghax xi hadd hadlu posthu hdejha fil-knisja, malli hargu ta daqqa f'wiccha quddiem in-nies. Kien ghajjur ghaliha u ried jaqtaghha minn hbiebha kollha. Meta kienet tqila bil-kbira flok jikkumplimentha jaghjjarha " sirt qisek hanzira. Qabel twieldet il-kbira, aggrediha ghax ma riedx johrog kif xtaqhet hi, u zammitu ommu li nzertat ghandhom. Gera warajha t-tarag kollu ftit wara li kienet weldet b'cesarja, ghax ma qabilx maghha li tistieden certi hbieb ghall-maghmudija. Akkuza lill-missierha li aggredixxa sesswalment lilha u lill-ohtha. Ghamillha black eye f'Marzu 1979 ghax dehrlu li dammet wisq barra. Ftit wara li twieldet iz-zghira billi kienet imdeqa u xtaqhet issiefer ghajjarha "qahba". Kien jaghajjarha u jumiljha meta tkun qed tinhasel bil-kliem "xi kruha qisek xadina". Meta kien isawwatha gieli hargu is-subien ghalih biex jwafquh. It-tifla z-zghira kienet timpressjona ruhha hafna bil-glied kontinwu tieghu. Kien joffendiha billi jghidilha li t-tifel Nicholas ma kienx tieghu, meta kien jaf li mhux minnu, tkecca mix-xoghol mas-Sedqa ghax ittanta t-tfajlit u xorta regghet accettatu. Fl-okkazzjoni tal-istedina ghall-BBQ ghand huwa, ghax ma riedx jmur, beda jisawwatha u meta it-tifla l-kbira ddifendietha hepp ghat-tifla " qabadha minn ghonqha u kien ser jifgaha." Ghalaqha barra mid-dar ghax meta gie lura mill-Libya ma kieneitx ghadha rritornat d-dar. Baqghet issajjarlu u tahsillu anke meta ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja u hu kien jaghajjarha bi kliem oxen quddiem it-tfal u jeddidha li joqtolha jew jhanxrilha ghonqha. Meta qabbdithu jiccattja fuq il-computor ma' mara, qabadha minn ghonqha u dahlilha rasha fis-

sink tal-washroom. Kien jinqeda biha sesswalment u wara jmur jorqod isfel fuq is-sufan.

L-atteggjament aggressiv ta' C B hu kkonfermat minn Marie Claire B, bint l-istess kontendenti Fol 38 fil-kawza 412/07. Hi kkonfermat li missierha kemm il-darba refa' idejh fuq ommha, qalbilha kemm il-darba dish lasagna b'vendikazzjoni, tefghalha flixkun kafe' ghall-wiccha u spiccat b'qasma fuq xuftejha, f'incident iehor qalalha ponn xaghar, u fl-incident tal-BBQ wara li aggredixxa lill-martu, aggredixxa lill-bintu ghax qabzet ghal-ommha. Hi ikkonfermat li fid-dar kien hemm glied kontinwu u tensjoni kbira. Kien hemm il-paci u s-serenita' fid-dar wara it-13 ta' Novembru 2007 meta hu telaq mid-dar.

Mikelina Ciantar, Fol 262, habiba tal-koppja ghal dawn l-ahhar 27 sena, ikkonfermat li r-ragel kien vjolenti u abbusiv fil-konfront ta' martu. Hi kienet tohrog timxi ma A li f'okkazzjoni partikolari ghamlet l-mixja kollha tikbi. Darba kellha tbengiela fuq sidirha u qaltilha li C kien tefghalha il-cupbord.

Marlene Curmi, Fol 937, li ilha taf lill-partijiet ghal madwar 25 sena ikkonfermat li rat tbengil fuq A B u li meta staqsitha dwarhom kienet qaltilha li C B kien refa' idejh fuqha.

A B, fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2011, mizmuma mill-Assiatent Gudizzjarju pprezentat emails u chattings li ghamel zewgha fil-25 ta' Frar 2007, cioe' meta kien ghadu fid-dar matrimonjali. L-ittra tieghu indirizzata lil certa Roxanne, hi ittra ta' hames pagni,Fol 985, u hi karatterizzata minn sentimenti amoruzi.. Ir-risposta tal-istess Roxanne, tinsab a Fol 963, fiha taghti hafna dettalji personali taghha u turi apprezzament u komprensjoni ghas-sitwazzjoni partikolari li sab ruhhu fiha C. Indubbjament dan l-atteggjament tar-ragel fil-konfront ta' martu jammonta ghall-ingurji gravi..

Mhux kontesta minn C B li tkecca mill-impieg li kellu mas-Sedqa billi kien ittanta tfajla. Marlene Curmi, Fol 938 ikkonfermat li C kien spicca minn hemm 'ghax kienipprova jinhabb u jghannaq tfajla' u dan saret tafu minn C stess li kien mar id-dar taghhom u qalilhom li kien iddispjacih billi minhabba dan l-incident tkecca mix-xoghol.

Ramona Cuschieri, Fol 1018 Vol 4 ikkonfermat li meta hi kienet ghadha tahdem mas-Sedqa, certa Daniela li kienet tahdem hemm darba ratha tikbi minnhabba xi haga li kien gara ma C il-lejl ta' qabel. Ma tiftakarx ezzatt x'kien gara pero' dak li qaltilha kien serju bizzejjed u hi haditha ghand il-Management u C waqaf jahdem mas-Sedqa.

Joseph Gerada, Chief Executive tas-Sedqa Fol 980 Vol 4 ikkonferma li zewg impjegati, fosthom Ramona Cuschieri, kienu ghamlu rapport dwar atteggjament li ma kienx denju ta' Manager, iddikjara li hu kien iddisappuntat billi C kien jgawdi l-fiducja tieghu.

C B meta xehed in kontro ezami fis-seduta tat-30 ta' April 2013, Fol 1121 inter alia ddikjara illi :

"Iva naqbel li jien qieghed f'relazzjoni ma' mara u nghixu flimkien. Sirt nafha xhur wara li tlaqt mid-dar. Ma tlaqtx lill-mara minhabba din il-persuna. Ilna flimkien issa madwar erba' jew hames snin. Jisimha Rita Casingena."

Jaqbel li kien jiccetja ma' certa Roxanne, pero' jghid li ma kellux relazzjoni maghha.

Ezaminati l-provi kollha mressqa l-Qorti hi tal-fehma ferma illi jirrizulta sodisfacentement li r-ragel huwa responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba vjolenza domestika sew fizika kif ukoll morali, eccessi, ingurji gravi, sevizzi, u adulterju.

C B min-naha tieghu isostni illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament tort ta' martu. Jilmenta min-nuqqas ta' affezzjoni da parti tal-mara tieghu fil-konfront tieghu. Jsostni illi huwa dejjem hadem u stinka ghall-familja u dejjem agixxa b'mod responsabbli. Jishaqq illi "kien biss l-agir biered u irresponsabbli tal-istess intimata li wasslet sabiex dan iz-zwieg finalment ma jirnexxiex."[1] Jilmenta minn nuqqas ta' mhabba da parti ta' martu u li qatt ma sostnietu fil-hidma lavorativa tieghu. Jilmenta li kienet tmaqqdru u tirredikolah quddiem il-kollegi tax-xoghol tieghu waqt xi attivita' socjali. Jilmenta li gie umiljat minn martu meta filwaqt li lilu hallietu fl-ghama dwar il-wirt li irceviet minghand il-genituri taghha, ir-ragel ta' ohtha gie nominat amministratur tal-wirt. Jilmenta wkoll illi kien jghaddila l-paga u tamministraha hi wahedha minghajr l-ebda konsultazzjoni mieghu.

Jghid illi hareg mid-dar matrimonjali purament sabiex ma jibqax isir aktar glied fid-dar peress li ma setax jissaporti aktar l-attegjament negattiv da parti ta' martu. Ghalhekk jitlob illi martu tigi ddikjarata unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba li skont hu martu dahlet ghaz-zwieg "minghajr imhabba, rispett, intimita' u affezzjoni".

Tenut kont l-agir vjolenti u abbuziv f'kull sens da parti tar-ragel fil-konfront ta' martu, l-aspettativa da parti tar-ragel li f'dan ix-xenarju abbuziv istenna li martu

[1] Ara nota ta' osservazzjonijiet ta' C B fol 77 rikors guramentat412/07RGM

tagixxi mieghu qisu ma qed tissubixxi l-ebda vjolenza huwa konferma tal-attitudni hazina u negattiva ta' C  B fil-konfront ta' martu.

Ir-ragel jilmenta minn nuqqas ta' intimita' da parti ta' martu.  Dan huwa kontradett minn martu li xhedet illi zewgha kien javvicina intimament u meta jlesti jitlaq mill-kamra matrimonjali u jinzel isfel jorqod fuq is-sufan.  .

Ma jistax jigi emfasizzat bizzejjed l-effett dizastruz li l-vjolenza u l-abbuz fiziku, jgibu fuq l-affezzjoni, t-tenerezza u l-intimita' tal-koppja. L-imhabba konjugali tirrikjedi r-rispett reciproku, l-komprensjoni, l-kumplimenti u l-gentilezzi.  L-vjolenza u l-abbuz da' parti fuq l-ohra prattikament tipprekludi lill-koppja mit-tgawdija ta' hajja serena, felici, u komplicita' fl-intimita' ta' bejniethom.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi in-nuqqas ta' affezzjoni u intimita' li wriet A B fil-konfront ta' zewgha kien rizultat dirett tal-agir vjolenti duratur da parti ta' zewgha fil-konfront taghha.   L-adulterju ta' C B ssigilla t-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Ghalhekk qed issib lil C B unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

**Manteniment.**

Illum it-tfal tal-partijiet mhux biss huma kollha maggorenni izda huma lkoll ghandhom aktar minn 23 sena. Ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti tipprovdi dwar manteniment taghhom.

Il-mara qed titlob li zewgha jibqa' jhallasha manteniment.

Skont **artikolu 3 tal-Kap. 16**:  "il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".

**Artikolu 20 tal-Kap.16:**

*(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-*

*pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persina ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew imobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust.*

**Artikolu 54 tal-Kap. 16**

*(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:*

*omissis -*

*(d) ) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;*

*(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:*

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 24 ta' April 2015, fl-ismijiet **Saadia Vella El Bazza vs George Vella**, fejn inghad:

*"29.Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li tassew li llum li l-pozizzjoni legali tal-mara tbidlet fis-sens li l-mara bhala konjugi ghandha l-obbligu li tahdem barra mid-dar, jekk possibbli, fejn mehtieg u li hi wkoll ghandha tikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-familja. Kif osservat fil-kaz PA Marthese Vella vs John Vella, deciz fit-28 ta' Frar 2003:*

*"Il-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din m' ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu: it-tibdil legilsattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara mizzewwga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn i-responsabbiltjiet huma rifless wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita' ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja [ara App.S Doris Tabone vs Carmelo Tabone, 15 Dicembru 1997]"*

*30.Kif qalet din il-Qorti fil-kaz Catherine Mifsud v Louis Mifsud, 25 ta' Ottubru 2013:*

*"Il-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn. L-artikolu 20[1] jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min jitolbu."*

*31.Fil-kaz. Maria Abdilla vs Peter Abdilla, deciz fil-31Ottubru 2014 din il-Qorti osservat li:*

*"... li meta ssehh is-separazzjoni personali bejn il-mizzewgin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-affarijiet bejniethom fis-sens li jispicca l-obbligu tal-koabitazzjoni, u, ghalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reciproka fejn dan ikun mehtieg, jekk fil-kaz bhal dak odjern, il-mara fiz-zwieg ma kinitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera ntrojtu ghal ghejxien taghha..... Jekk imbaghad minhabba cirkostanzi li ma jkunux fil-kontroll tal-konjugi, bhal fil-kaz ta' mard, dan ma jkunx fil-pozizzjoni li jiggenera introjtu adegwat ghall-manteniment tieghu nnifsu allura, sakemm ma tkunx giet pronunzjata kontra tieghu d-dekadenza mid-dritt li jircievi manteniment, il-konjugi l-iehor li jkollu mezzi adegwati ghandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjugi, u f'dan il-kaz japplikaw il-kriterji kontemplati fl-Artikolu 20 tal-Kodici Civili, u cioe` li manteniment li jinghata ghandu jitqies skont il-bzonn u l-hila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah.*

*"...l-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' zewgha ghal dejjem, tenut kont kemm tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu."*

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet **Rita Caruana vs Emanuel Caruana**:-

"Ghalhekk la darba gie deciz li l-konvenut kien responsabbli principalment ghat-tifrik taz-zwieg, li l-attrici ma ddekadietx mid-dritt ta' manteniment u li lanqas ma

kienet abbandunat id-dar u la darba l-qliegh jew il-potenzjal tal-qliegh tal-konvenut jissupera sewwa l-potenzjal tal-qliegh li l-attrici qatt tista' tippercepixxi allura huwa gust li l-konvenut jikkontribwixxi wkoll ghall-manteniment tal-attrici proprio anke jekk f'somma relattivament zghira."

Ikkunsidrat;

B'digriet tat-18 ta' Ottubru 2007, il-Qorti ordnat li r-ragel ihallas Lm250 fix-xahar manteniment, kwantu ghal Lm100 (Euro 233) lill-mara u kwantu ghal Lm150 (Euro 350) ghal minuri Rebecca.

Illum A B ghandha 66 sena u tircevi pensjoni kontributorja ta' circa hdax-il elf ewro (Euro11,000) fis-sena. Ghandha wkoll dhul iehor konsistenti minn kirjiet derivanti minn proprjetatjiet li hi u hutha wirtu minghand il-genituri taghhom. A B tghid li sehemha mill-kirjiet jammonta ghal mija u sitta u disghin ewro (Euro 196) fis-sena. Tul il-kors tal-kawza il-konsistena ta' sehem A B mill-wirt tal-genituri taghha baqa' mhux car. Kien biss in extremis tal-kawza illi tresqu provi dwar ftehim milhuq bejn A B u hutha u minn certu Paul Camilleri ghan-nom ta' Sovereign Holdings Limited dwar proprjeta' l-ahwa ghandhom gewwa 179 u 180, The Strand, Gzira. C B jikkontendi li din il-proprjeta' tikkwalifika bhala 'prime property' ghaliex tinstab fuq ix-xatt ta' bejn il-Gzira u tas-Sliema. Skont ftehim tal-14 ta' Mejju 2015[2] A B u hutha ftehmu ma' Paul Camilleri nomine sabiex fuq l-imsemmija proprjeta' jinbnew hames sulari, zewg appartamenti f'erba' sulari u fl-ahhar sular zewg penthouses. Ghalkemm huwa minnu kif issottomettiet A B li dak huwa ftehim li jrid jghaddi certu zmien sabiex tibda tibbenefika minnu; pero' huwa minnu wkoll li tali ftehim jirrifletti sew il-valur gholi ta' sehem A B minn 'prime property' kif ukoll potenzjal tajjeb ta' dhul elevat.

C B jemfasizza illi ghal tul kbir taz-zmien hu kien il-'breadwinner' tal-familja. Dan ghaliex filwaqt li huwa kellu xoghol remunerattiv, martu kienet tiddedika l-maggorparti tal-hin taghha fit-trobbija tat-tfal.

Jirrizulta wkoll illi C B llum ibati minn kondizzjonijiet medici illi jimportaw spejjez rikorrenti ghall-medicini.

Huwa minnu li kif gie sottomess minn C B fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-manteniment ma hux xi dritt sagrosant.[3], izda l-Qorti qed tiehu wkoll in konsiderazjoni li A B ma hiex responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, li ghalhekk ma ddekadietx mid-dritt li tirreklama manteniment minghand zewgha, u li hemm disparita' fil-prezent bejn id-dhul tal-partijiet, u tenut kont illi fil-futur id-dhul ta' A B ghandu jizdied, il-Qorti qed tordna lil C B sabiex ghal zmien sentejn millum

[2] Fol. 1304
[3] Catherine Mifsud vs Louis Mifsud - Qorti tal-Appell – 25 ta' Ottubru 2013.

ihallas lil A B manteniment fis-somma ta' mitejn u hamsin ewro (Euro 250) fix-xahar. Il-manteniment pagabbli minn C B lil A B sal-jum ta' din is-sentenza jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite.
Skont

**Kura, Kustodja u Access.**

Ma hemmx lok li illum jinghata provvediment dwar il-kura, kustodja u access billi it-tfal illum huma kollha maggiorenni.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U PROPRJETA' PARAFERNALI.**

Mal-pronunzjament tas-separazzjoni l-Qorti qed tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Jehtieg ghalhekk jigi stabblit il-konsistenza tal-assi appartenenti l-komunjoni kif ukoll jekk jirrizultawx assi parafernali u tordna d-divizzjoni u l-assenjazzjoni tal-istess.

**Dar Matrimonjali.**

Mill-kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Agius fis-7 ta' Jannar 1981, (tlett snin wara z-zwieg) Fol 1056 jirrizulta li missier il-mara, Carmelo Galea, biegh liz-zewg partijiet flimkien il-fond urban fi stat ta' kostruzzjoni, dak li wara sar id-dar matrimonjali.. Il-mara tikkontendi li missierha ried jittrasferixxi lilha biss u inkludih lir-ragel fuq il-kuntratt ghax hekk staqsieh waqt il-kuntratt u ma riedx jaqla' kwistjonijiet. In oltre, l-kugini taghha pprovdew ix-xoghol tal-konkos b'xejn bhala rigal billi tal-familja. Kemm il-mara kif ukoll hutha iddikjaraw li missierhom kien tahom donnazzjonijiet lilhom ukoll u li dwar din l-art missierhom qatt ma thallas xejn mill-partijiet.

B'kuntratt ippubblikat fil-11 ta' Frar 1981, Fol 1063 sar kuntratt ta' self ghas-somma ta' Lm7,500 ghall-finishing tad-dar.

B'kuntratt ippubblikat fl-14 ta' Marzu 1987, Fol 1059, minn Nutar Dottor Carmelo Mangion, nxtraw zewg plots konsistenti l-gnien tad-dar matrimonjali.

A B tikkontendi li l-Qorti ghandha tiddikjara li d-dar matrimonjali hija proprjeta' esklussiva taghha u dan peress li l-intenzjoni ta' missierha kienet li jghaddi l-proprjeta' lilha esklussivament u mhux liz-zewg partijiet. Fi kliem iehor qed tikkondendi li l-kuntratt ta' bejgh kien simulat. Pero' ma jirrizultax li A B qatt istitwiet il-proceduri gudizzjarji idonei sabiex timpunja tali kuntratt. Ghalhekk il-Qorti qed tirrespingi t-talba ta' A B sabiex jigi dikjarat li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali taghha.

Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-proprjeta' immobbli u mobbli appartenenti lill-partijiet ghandha tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li jithallas il-kreditu parafernali ta' A B imsemmi fil-paragrafu sussegwenti.  Tenut kont li d-dar matrimonjali hi sallum ir-residenza ordinarja ta' A B, il-bejgh tal-immobbli ghandu jsir mhux qabel jiddekorru sentejn millum.

A B qed titlob li jigi dikjarat illi l-valur tal-konkos li l-kugini taghha ikkontribwew minghajr hlas fil-kostruzzjoni tad-dar matrimonjali ghandu jitqies bhala proprjeta' parafernali taghha u li ghalhekk ghandha dritt tippercepixxi l-valur tieghu ammontanti ghal tlettax-il elf, mitejn u disgha u sittin ewro (Euro 13,269).  Fil-fehma tal-Qorti l-ghotja ta' konkos kienet effettivament rigal  lil A B u ghalhekk tikkonkludi wkoll illi A B ghandha kreditu kontra l-komunjoni fis-somma ta' tlettax-il elf mitejn u disgha u sittin ewro kontra l-komunjoni. Ghaldaqstant tordna illi mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u qabel ma jigi diviz il-prezz rikavat, A B ghandha l-ewwel tippercepixxi s-somma ta' Euro 13,269.00.

Vetturi.

Brian B ghall-ADT, Fol 31 xehed li fuq il-mara ma sab l-ebda vettura registrata f'isimha, u fuq ir-ragel irrizulta li kien hemm vettura GAC-951  li giet scrapped fit-2 ta' Awissu 2000. Jirrizulta mid-dokumentipprezentat fl-20 ta' Novembru 2009 Fol 858, li fuq ir-ragel hemm vettura registrata Toyota Belta Numru ta' registrazzjoni  HBG 724.

Peress li din il-vettura tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u inxtrat minn flus appartanenti l-komunjoni tal-akkwisti, vettura HBG 724 ghandha tigi assenjata lil C B filwaqt li C B qed jigi kkundannat ihallas lil A B nofs il-valur tal-vettura fid-data tallum skont l-istimi ufficjali mahruga mid-ditta tal-assikurazzjoni li maghha l-vettura hi assikurata.

Kwalunkwe dejn li jista' jkun hemm fuq din il-vettura ghandu jithallas esklussivament minn C B.

Kontijiet Bankarji.

David Galea ghall-APS Bank Ltd, Dok DG1 Fol 93, ikkonferma li fit-18 ta' Lulju 2003, infetah kont f'isem ir-ragel bl-ammont ta' LM3,000, nghalaq fil-21 ta' Jannar 2005, kien hemm LM 42.81 imghax, l-ammont ingiebed cash.

Ir-ragel isostni li din s-somma kienet wirt tieghu, mentri l-mara iddikjarat li s-somma ngibdet mir-ragel minn Joint Account mal-HSBC. Kif tajjeb ikkonkludiet il-Perit Legali, din il-pretensjoni tal-mara ma tirrizultax mid-dokumenti pprezentati. Ghalhekk dan l-ammont ghandu jitqies bhala parafernali tar-ragel li ma ghandu jghaddi l-ebda parti minn dan l-ammont lill-mara.

F'isem C B kien hemm kont mal-HSBC numru 012001855001, Dok AG1 Fol 117, li fit-13 ta' Mejju 2008 il-bilanc kien ta' Euro 3120.03. Minn dan l-ammont r-ragel ghandu jghaddi lill-mara nofs l-ammont cioe' Euro 1560.02. Fol 107.

F'isem C B mal-HSBC hemm kont numru 012001855050, Dok AG2 Fol 118, fl-10 ta' Jannar 2008 l-bilanc kien ta' Euro 265.57. Minn dan l-ammont ir-ragel ghandu jghaddi lill-mara in-nofs cioe' l-ammont ta' Euro 132.78. Fol 120

F'isem C B, mal-HSBC hemm kont numru 012001855050 Fol 665 li fl-10 ta' Jannar 2009 kellu bilanc ta' Euro 268.40. Ir-ragel ghandu jghaddi nofs dan l-ammont lill-martu cioe' l-ammont ta' Euro 134.20.

Dok AG3 hi Master Card f'isem C B, jekk hemm xi ammonti dovuti fuq il-card, dawn ghandhom jithallsu mir-ragel.

Hemm Joint account mal-HSBC Numru 012008470050, fl-10 ta' Gunju 2008 , Fol 250 l-bilanc kien ta' Euro 18.33. Dan l-ammont ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

F'isem C B hemm kont mal-HSBC Numru 012001855001, Fol 550 il-bilanc fit 23 ta' Gunju 2009 kien ta' Euro 9487.84. Dan l-ammont ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u ghalhekk tikkundanna lil C B jhallas lil A B nofs dan l-ammont

F'isem C B hemm kont mal-HSBC Numru 012001855001 Fol 551 li fil-21 ta' Lulju 2009 kellu bilanc ta' Euro 132,715.88, Fol 559. F'dan il-kont saru depoziti konsistenti ta' Euro 89,292 fl-24 ta' Gunju 2009 u ta' Euro 35,400 fis-27 ta' Gunju 2009 meta il-partijiet kienu gja *de facto* separati. Il-Perit Legali waslet ghall-konkluzzjoni korretta li dawn l-ammonti huma parafernali tar-ragel billi jirrizulta minn konvenju tat-13 ta' Ottubru 2006 Fol 291, li Agatha omm C B u l-istess C B obbligaw ruhhom li jbieghu l-fond 31 Fleur d'Eau, Triq San Tumas, Luqa bil-prezz ta' LM135,000.

Hemm kont fil-BOV joint f'isem C B u ohtu Isabelle Piscopo kont numru 40015604008, Fol 325 fixed ghal sena mill-4 ta' Novembru 2006 sal-5 ta' Novembru 2007 bl-ammont ta' LM5000. Dan l-ammont jidher li hu gej minn wirt tar-ragel ghalhekk l-mara m'ghandhiex dritt tircevi xi ammonti minn dan il-kont.

Hemm kont fil-BOV Nummru 40014319446 f'isem A B u ohtha Rosette Fenech Adami, Fol 327 fl-ammont ta' LM12440.12. Dan hu gej minn wirt tal-mara li ma ghandha tghaddi l-ebda ammont lill-zewgha min dan il-kont.

Hemm kont f'isem A B mal-HSBC Numru 012001764050 Fol 652 li fl-10 ta' Jannar 2009 kellu bilanc ta' Euro 148.76. Danl-ammont ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Hemm kont f'isem A B, mal-HSBC Numru 012001764051, Fol 828, li fil-11 ta' Lulju 2009 kellu bilanc ta' Euro 1604.88. Dan l-ammont ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u ghalhekk tikkundanna lil A B thallas lil C B nofs dan l-ammont

Hemm Visa Card mal-HSBC  Fol 226, jekk hemm xi ammonti dovuti fuq din il-card dawn ghandhom jithallsu mill-mara.

Life Insurance mal-Eagle Star.

Mid-dokument Fol 851 jirrizulta li l-Life Insurance policy Number 652543 fuq C B, harget fit-13 ta' Jannar 1981 u immaturat fit-13 ta' Jannar 2006 u l-Assikurazzjoni hallset l-ammont ta' Lm2849.63 (ekwivalenti ghal Euros 6,637.85) direttament fil-kont ta' C B mal-HSBC kont numru 012001855001 fil-25 ta' April 2006. Billi l-partijiet izzewgu tlett snin qabel inharget din il-polza, u peress li l-premiums thallsu minn flus tal-komunjoni, il-Qorti qed tordna lil C B jhallas lil A B nofs is-somma ta' Euros 6,637.85 u cioe' tlett elef, tlett mija u tmintax il-ewro u tnejn u disghin centezmu (Euro 3,318.92)

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut inkluz adulterju u vjolenza domestika.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici in kwantu ulied il-partijiet illum ghandhom aktar minn 23 sena

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici, u tordna lil C B jhallas lil A B bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (Euro 250) fix-xahar u dan ghal zmien sentejn millum.  Il-manteniment pagabbli minn C B lil A

B sal-jum ta' din is-sentenza jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Tichad it-talba fir-rigward ta' ulied il-partijiet.

4. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ghal zmien sentejn millum.

5. Tilqa' parzjalment il-hames talba attrici, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tordna li l-oggetti, mobbli u immobbli formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet skont kif deciz supra taht l-intestatura **KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U PROPRJETA' PARAFERNALI.**

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tikkommina kontra C B l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**